



Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2023/2134(DEC)

31.1.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza 2022: Il-baġit ġenerali tal-UE - Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna
(2023/2134(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Katalin Cseh

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-UE jeħtieġ li tkompli tiżviluppa servizz estern robust u reżiljenti, bi tmexxija politika ċara, sabiex jiġu indirizzati l-isfidi attwali u tiġi żgurata l-koerenza tal-politika barranija tal-Unjoni; f'dak ir-rigward, jinnota r-rwol ewlieni tas-SEAE u speċjalment tad-Delegazzjonijiet tiegħu fil-kuntest tal-impatt ġeopolitiku tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u l-ħtieġa li tirriżulta li jiġu appoġġjati l-pajjiżi sħab madwar id-dinja u li jissaħħu l-alleanzi globali; jenfasizza l-importanza li jkompli jkun hemm impenn politiku b'saħħtu u effett ta' ingranaġġ f'livell bilaterali, fid-diplomazija pubblika u kulturali biex jiġu promossi l-valuri, il-prinċipji u l-interessi tal-Unjoni, kif ukoll fil-komunikazzjonijiet strateġiċi biex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni; jitlob li jiġi introdott użu aktar effiċjenti tar-riżorsi disponibbli biex jiġi evitat li l-effettività tal-Unjoni fix-xena internazzjonali titpoġġa f'riskju; iqis li d-delegazzjonijiet tal-UE jeħtieġ li jkomplu bl-isforzi kkoordinati tagħhom biex iżidu l-viżibbiltà ta' proġetti ffinanzjati mill-UE sabiex ir-riżorsi jintużaw kemm jista' jkun; jappella lis-SEAE jkompli bl-isforzi tiegħu biex jimmodernizza l-approċċi tiegħu u jinvesti f'ħiliet u kapaċitajiet ġodda filwaqt li jżid il-kosteffiċjenza; itenni l-importanza tal-promozzjoni tal-istat tad-dritt, tal-libertajiet fundamentali u tal-valuri li fuqhom hija msejsa l-UE;
2. Jinsab ferm imħasseb dwar l-impenn kontinwu tal-Prim Ministru Ungeriż Viktor Orban mal-President Russu Vladimir Putin minkejja s-sanzjonijiet tal-UE u mandat ta' arrest min-naħa tal-Qorti Kriminali Internazzjonali għal delitti tal-gwerra kontra Putin fid-dawl tal-aggressjoni Russa li għaddejjja kontra l-Ukrajna; jisħaq li, skont l-Artikolu 24(3) tat-TUE, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jappoġġjaw il-politika esterna u ta' sigurtà tal-Unjoni b'mod attiv u mingħajr riżervi fi spirtu ta' lealtà u solidarjetà reċiproka, u għandhom joqogħdu lura minn azzjonijiet li jmorru kontra l-interess tal-Unjoni; ifakkar lir-RGħ/VP fl-obbligu tiegħu li jiżgura li l-Istati Membri jkunu konformi mal-prinċipji skont dan l-Artikolu, u jistiednu, f'dan l-isfond, jirrapporta lill-Parlament dwar il-kunsiderazzjoni tiegħu tal-politika tal-Prim Ministru Ungeriż fil-konfront tar-Russja u l-konformità ma' dan l-Artikolu tat-Trattat, kif ukoll dwar kwalunkwe azzjoni potenzjali li jkun ħa;
3. Jikkundanna bil-qawwa l-użu tal-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru bħala arma tal-gwerra fl-Ukrajna, u jikklassifikaha bħala delitt tal-gwerra; jenfasizza r-rapporti dejjem akbar ta' traffikar tal-bnedmin, vjolenza sesswali, sfruttament, stupru, u abbuż li jħabbtu wiċċhom magħhom in-nisa u t-fal li qed jaħarbu mill-Ukrajna lejn l-Ewropa; jistieden lill-pajjiżi tal-UE jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa u l-bniet fiċ-ċentri ta' akkoljenza, filwaqt li jiżguraw li jingħataw appoġġ immedjat f'każijiet ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru; ihegġegħ lill-UE u lill-pajjiżi ospitanti u ta' tranżitu jiggwarantixxu l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw lill-organizzazzjonijiet li jipprovdu servizzi u kenn lis-superstiti tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru fost ir-rifuġjati nisa u bniet;
4. Jinsab imħasseb immens dwar ir-restrizzjonijiet baġitarji li qed jiffaċċja s-SEAE; dawn

ir-restrizzjonijiet jista' jkollhom konsegwenzi negattivi serji u estensivi għall-azzjoni esterna tal-UE b' mod ġenerali u għall-prestazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE f' dan il-qasam; jirrikonoxxi li n-nuqqas ta' azzjoni biex tiġi rettifikata s-sitwazzjoni baġitarja attwali tas-SEAE jista' jkollu impatt serju fuq ir-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi terzi; jafferma bil-qawwa l-hteġa li s-SEAE jingħatawlu ir-riżorsi finanzjarji u tal-persunal meħtieġa kemm fil-kwartieri ġenerali tiegħu kif ukoll fid-Delegazzjonijiet tal-UE;

5. Ifakkar li l-impatti diretti u indiretti tat-tibdil fil-klima jimminaw il-paċi u s-sigurtà globali filwaqt li japprofondixxu l-vulnerabbiltajiet u l-inugwaljanzi eżistenti u joħolqu riskji għad-drittijiet tal-bniedem; ihegġegħ lill-Kummissjoni u lis-SEAE jfasslu u jwettqu diplomazija robusta tal-UE dwar il-klima li l-għan tagħha jkun li trawwem il-kooperazzjoni internazzjonali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, issaħħaħ id-dimensjoni esterna tal-Patt Ekoloġiku Ġdid u tipprovdi appoġġ tanġibbli għal miri ambizzjużi ta' tnaqqis tas-CO₂ f' pajjiżi terzi;
6. Jinnota li fl-2022, 40 % tal-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet maħtura kienu nisa; jistieden lis-SEAE jkun ta' eżempju, kif stabbilit fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III, u jkompli jtejjeb ir-rappreżentanza tan-nisa u tal-gruppi emarġinati fil-livelli kollha bil-għan li tintlaħaq mill-aktar fis possibbli l-parità bejn il-ġeneri fil-pożizzjonijiet kollha ta' tmexxija u ta' ġestjoni, fit-tmexxija reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru u fil-proċessi ta' rekrutaġġ sensitivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru; jiddispaċiħ dwar il-pass xejn mgħaġġel tal-persunal tas-SEAE biex jinkiseb bilanċ fir-rigward tal-iżbilanċi fid-diversità, fil-ġeneru u fil-ġeografija, jinnota li l-kategoriji kollha tal-persunal għandhom jiġu inklużi u jistieden lill-Istati Membri kollha jinnominaw aktar nisa u kandidati minn gruppi emarġinati għal pożizzjonijiet issekondati fis-SEAE; jisħaq li l-GAP III jiddetta li sa l-2025 85 % tal-azzjonijiet il-ġodda tal-UE jridu jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għat-tiħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet, filwaqt li s-SEAE jeħtieġu jħaffef il-progress biex jinkisbu l-għanijiet tal-GAP III billi, fil-ħidma tiegħu ta' kuljum, jiffoka b' mod sinifikanti fuq l-oqsma ewlenin ta' involviment tal-GAP III, fosthom il-fatt li tintemm il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-promozzjoni tas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, id-drittijiet ekonomiċi u soċjali, l-emanċipazzjoni, il-parteċipazzjoni ugwali u t-tmexxija;
7. Jappella għal strateġiji robusti ta' taħriġ dwar il-ġeneru fi ħdan is-SEAE, filwaqt li jenfasizza l-hteġa li jsir investiment fir-riżorsi u fl-għarfien espert għall-iżvilupp ta' strateġiji ta' taħriġ u edukazzjoni li japplikaw approċċ ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-politiki internazzjonali sabiex tinkiseb bidla ġenwina fil-kultura fi ħdan is-SEAE; jitlob li tingħata attenzjoni speċjali biex jiġu integrati l-mekkaniżmi tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, jiġi indirizzat l-ibbaġitjar skont il-ġeneru, jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-ġeneri, u tiġi indirizzata l-vjolenza abbażi tal-ġeneru; jirrakkomanda l-adozzjoni ta' programm ta' taħriġ komprensiv għall-implimentazzjoni effettiva tal-GAP III fil-livelli kollha tas-SEAE;
8. Jesprimi tħassib dwar l-istatus globali tad-drittijiet tal-LGBTIQ+ u r-reżistenza dejjem tikber għad-drittijiet tan-nisa, għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jindirizzaw l-ostakli fir-rikonoxximent u fil-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet; jenfasizza l-hteġa li tingħata prijorità lill-appoġġ immirat lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSC) u lill-komunitajiet li jippromwovu s-saħħa

sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, id-drittijiet tan-nisa, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-komunità LGBTIQ+ u gruppi emarġinati oħra, inklużi miżuri msaħħa biex tiġi dekriminalizzata l-omosesswalità; ifakkar li minimu ta' 85 % tal-azzjonijiet għodda fl-ambitu tal-istrument NDICI-GE għandhom jagħtu prijorità lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'mill-inqas 5 % iddedikati speċifikament għad-drittijiet u għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet;

9. Jenfasizza li l-implimentazzjoni sħiħa u l-inkorporazzjoni sistematika tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III (GAP III) f'kull aspekt tal-azzjoni esterna tal-UE, inkluża l-politika tal-kummerċ u tal-iżvilupp sostenibbli, fil-livelli kollha ta' involviment u f'diversi attivitajiet u oqfsa, inkluż lil hinn mid-durata tal-GAP III, huma imperattivi;
10. Jirrikonoxxi l-importanza tal-ħolqien ta' Ċentru ta' Rispons għall-Kriżijiet (CRC) tas-SEAE; itenni l-importanza ta' livelli adegwati ta' ċibersigurtà għall-assi, il-bini u l-aktivitajiet tiegħu, inkluż għall-kwartieri ġenerali, għad-delegazzjonijiet tal-UE u għal kwalunkwe assi jew persuna oħra mill-UE f'pajjiż terz; jinnota s-sinifikat tal-kultura ta' sigurtà u sikurezza fl-entitajiet kollha li jeħtieġ li tiġi żgurata permezz ta' persunal, proċeduri, infrastruttura, għodod (inkluża l-IT) u baġit xieraq biex jiġi żgurat li, f'każ ta' sitwazzjonijiet mhux mistennija jew kritiċi, kollha kemm huma jkunu jistgħu jwettqu l-funzjonijiet kritiċi u essenzjali tagħhom; jirrikonoxxi l-isforzi tas-SEAE fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-indhila barrani; jilqa' l-fatt li s-SEAE saħħha il-kooperazzjoni internazzjonali tiegħu mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u man-NATO f'dan ir-rigward; huwa konvint mill-fehma li s-SEAE għandu mhux biss ipoġġi enfasi fuq id-diżinformazzjoni li tkun ġejja minn pajjiżi terzi, iżda wkoll jiżvela s-sorsi li jxerrdu l-istess tip jew tip simili ta' diżinformazzjoni fi ħdan l-Unjoni;
11. Jisħaq li, fid-dawl tal-isfidi ġeopolitiċi u l-kriżijiet madwar id-dinja li qed jiżdiedu, l-UE jeħtieġ li tkun tista' tiddependi fuq l-informazzjoni diretta meħtieġa dwar kwistjonijiet globali li jseħħu barra mill-fruntieri tagħha; jappella, f'dan ir-rigward, li jissaħħu l-INTCEN tal-UE, iċ-Ċentru ta' Rispons għall-Kriżijiet tas-SEAE u s-SatCen billi jiżdiedu l-persunal u r-riżorsi finanzjarji tiegħu, kif ukoll il-kapaċitajiet tiegħu;
12. Jistieden lill-Unjoni ssahħha is-sett ta' għodod tagħha biex tiġġieled l-indhila barrani, il-propaganda u l-operazzjonijiet ta' influwenza, inkluż it-tisħiħ tat-task force tal-komunikazzjoni strateġika tas-SEAE; jenfasizza l-ħtieġa li jitwessa' l-mandat tiegħu fir-rigward tad-diżinformazzjoni sponsorjata mill-istat li toriġina miċ-Ċina u mil-Lvant Nofsani, b'mod partikolari l-Iran, u li jittaffew l-effetti tagħha fuq il-partijiet affettwati; itenni t-talba tiegħu lis-SEAE biex jippermetti lit-task force tittraċċa r-rotot ta' ndhila barrani, tiżvela sorsi li qed jikkontribwixxu għat-tixrid tad-diżinformazzjoni b'mod simili fl-Unjoni wkoll u jipprovdilha aktar riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa;
13. Iqis li huwa essenzjali li l-UE żżid l-investment tagħha fid-diplomazija pubblika u kulturali u fl-isforzi ta' komunikazzjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-involviment attiv ta' reġimi awtoritarji u illiberali; jisħaq, għalhekk, fuq il-ħtieġa li jiġu allokati r-riżorsi meħtieġa għad-diviżjoni tal-Komunikazzjoni Strateġika u l-Prospettiva tas-SEAE;
14. Jistieden lid-delegazzjonijiet tal-UE fil-viceinat tagħna u fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent

iżidu l-involvement tagħhom sabiex jappoġġjaw politika ta' komunikazzjoni aktar attiva u effettiva dwar il-perspettiva Ewropea u jkunu ppreparati biex jipprovdu l-aħjar assistenza possibbli lill-pajjiżi involuti f'rifurmi favur id-demokrazija u favur l-Ewropa; jistieden lid-delegazzjonijiet tal-UE japplikaw approċċ aktar kredibbli u bbażat fuq il-mertu abbażi tal-kriterji ta' Copenhagen, b'mod partikolari l-istat tad-dritt, id-demokrazija u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment minħabba l-progress limitat li sar minn xi pajjiżi fil-Balkani tal-Punent;

15. Jistieden lid-delegazzjonijiet tal-UE jsaħħu l-appoġġ għall-atturi demokratiċi ġenwini u s-soċjetà ċivili fil-Balkani tal-Punent kif ukoll jiddenuzjaw bil-qawwa u pubblikament azzjonijiet minn atturi illiberali u mhux demokratiċi li jmorru kontra l-interess tal-Unjoni u jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-IPA III tkun konformi mal-oġġettivi tal-UE;
16. Iħeġġeġ lis-SEAE jagħti segwitu għad-dikjarazzjoni li ħareġ fit-tweġibiet bil-miktub tiegħu lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit fil-kuntest tal-kwittanza 2019, filwaqt li jadotta u jimplementa d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni awtonomi tiegħu dwar attivitajiet u inkarigi esterni, li joħolqu bażi ġuridika *sui generis* biex il-kapijiet tad-delegazzjonijiet jiproteġu aħjar l-immagna u r-reputazzjoni tal-Unjoni Ewropea;
17. Jitlob li tiġi stabbilita struttura permanenti u li jingħataw ir-riżorsi meħtieġa għall-Akkademja Diplomatika Ewropea, li tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp sħiħ ta' diplomazija awtonoma tal-UE b'diplomazija komuni bbażata fuq perspettiva tal-UE; iqis li fil-futur din l-Akkademja għandha tinkludi sistema ta' għażla, reklutaġġ u taħriġ ta' ċittadini Ewropej li jkunu temmew l-edukazzjoni għolja u li ma jkunux diplomatiċi tal-Istati Membri; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu esplorati u deċiżi modi ta' aċċess għas-SEAE għal dawk li jiġgradwaw minn din l-Akkademja;
18. Iħeġġeġ lis-SEAE u lid-delegazzjonijiet tal-UE jimmonitorjaw mill-qrib l-istat tad-demokrazija fid-diversi pajjiżi u jagħtu appoġġ loġistiku u teknoloġiku lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lill-popli indiġeni, b'mod partikolari lin-nisa.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊEVJET KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f' dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	23.1.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 45 -: 10 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alexandrov Yordanov, Maria Arena, Petras Auštrevičius, Krzysztof Brejza, Włodzimierz Cimoszewicz, Anna Fotyga, Michael Gahler, Giorgos Georgiou, Sunčana Glavak, Raphaël Glucksmann, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Márton Gyöngyösi, Dietmar Köster, Andrius Kubilius, Ilhan Kyuchyuk, Jean-Lin Lacapelle, Miriam Lexmann, Nathalie Loiseau, Leopoldo López Gil, Antonio López-Istúriz White, Thierry Mariani, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Alessandra Moretti, Javier Nart, Matjaž Nemec, Demetris Papadakis, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Mounir Satouri, Jordi Solé, Tineke Strik, Dominik Tarczyński, Hermann Tertsch, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz, Isabel Wiseler-Lima, Tomáš Zdechovský, Bernhard Zimniok, Željana Zovko
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Attila Ara-Kovács, Adam Bielan, Özlem Demirel, Christophe Grudler, Arba Kokalari, Georgios Kyrtos, Katrin Langensiepen, Karsten Lucke, Erik Marquardt, Juozas Olekas, Bert-Jan Ruissen, Christian Sagartz, Mick Wallace
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Theresa Bielowski

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

45	+
ECR	Adam Bielan
NI	Márton Gyöngyösi
PPE	Alexander Alexandrov Yordanov, Krzysztof Brejza, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Arba Kokalari, Andrius Kubilius, Leopoldo López Gil, Antonio López-Istúriz White, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Christian Sagartz, Isabel Wiseler-Lima, Tomáš Zdechovský
Renew	Petras Auštrevičius, Klemen Grošelj, Christophe Grudler, Bernard Guetta, Georgios Kyrtos, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Javier Nart
S&D	Attila Ara-Kovács, Maria Arena, Theresa Bielowski, Włodzimierz Cimoszewicz, Raphaël Glucksmann, Dietmar Köster, Karsten Lucke, Alessandra Moretti, Matjaž Nemeč, Juozas Olekas, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor
Verts/ALE	Katrin Langensiepen, Erik Marquardt, Mounir Satouri, Jordi Solé, Tineke Strik, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz

10	-
ECR	Hermann Tertsch
ID	Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani, Bernhard Zimniok
NI	Kostas Papadakis
PPE	Miriam Lexmann, Željana Zovko
The Left	Özlem Demirel, Giorgos Georgiou, Mick Wallace

3	0
ECR	Anna Fotyga, Bert-Jan Ruissen, Dominik Tarczyński

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni